**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Spiridione Vella**

Numru 329/2021

Illum 1 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Spiridione Vella**, residenti fil-fond numru 152 - 154, Triq Papa Gwnnni Pawlu II, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 060735G, akkużat talli b'diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat:

Fil-kwalita' tieghu ta' principal u/jew il-persuna responsabbli sabiex iħallas il-pagi skont il-liġi:
Naqas li jħallas lill-impjegata **Apple Grace Jimenez (KI 0230294A):**

1. Il-paga bażika dovuta għall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Mejju 2020 u t-23 ta' Ġunju 2020, liema nuqqas ta' ħlas jammonta għas-somma ta' €967.70;

2. Il-ħlas intier skont il-liġi għal xogħol maħdum waqt btajjel pubbliċi bejn id-19 ta' Marzu 2020 u t-23 ta' Ġunju 2020, liema nuqqas ta' ħlas jammonta għas-somma ta' €156.92;

3. Il-bonus statutorju pro-rata dovut għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2020 u t-23 ta' Ġunju 2020, liema nuqqas ta' ħlas jammonta għas-somma ta' €129.50;

4. Għal ***vacation leave*** mhux utilizzat, liema nuqqas jammonta għas-somma ta' €522.86;

Globalment ammontanti għas-somma ta' elf, seba mija u sitta u sebgħin ewro u tmeinja u disgħin ċenteżmu (€1,776.98);

Għaldaqstant, il-Qorti giet mitluba bir-rispett tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat; ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iħallas l-penali skont il-liġi ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), kif ukoll, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap. 452 u cioe' illi naqas li jħallas pagi, għamel tnaqqis illegali, naqas li jħallas xi bonus, żamm xi rimunerazzjoni jew xi pagament li għandu jitħallas minflok in-notice, naqas li jagħti vaganzi bi ħlas, naqas li jagħmel xi pagament dovut lill-impjegat skont il-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta jew skont xi ordni ta' standard nazzjonali, ordni biex jirregola settur jew xi ordni ieħor magħmul taħt il-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta; u ai termini tar-Regolament 22 tal-Avviż Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviżi Legali 427 tal-2007 u 259 tal-2012 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u sebgħa u tmenin ċentezmu (€465.87), tordna lill-imputat sabiex iħallas lil Apple Grace Jimenez (KI 0230294A) is-somma ta' elf, seba

mija u sitta u sebgħin Euro u tmeinja u disgħin ċenteżmu (€1,776.98) għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha;

Il-Qorti rat li l-imputat informa lill-Qorti u lill-Prosekuzzjoni li ma kienx f'pozizzjoni li jattendi s-seduta minhabba l-eta' u l-kundizzjoni ta' sahhtu u awtorizza li l-kaz jinstema' fin-nuqqas tieghu.

Il-Qorti rat l-Artikolu 47 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk dwar il-limitazzjoni tal-azzjoni:

**(1) Procedimenti ghal reat skont dan l-Att jew skont xi regolamenti jew ordnijiet maghmulin tahtu jistghu jinbdew f'kull zmien fi zmien sena mill-ghemil tar-reat.**

Peress illi c-citazzjoni tidher li giet notifikata fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu 2021 skont riferta esebita f'dawn l-atti, allura wara l-perijodu preskrittiv, l-azzjoni fir-rigward is-somma indikata hija preskritta;

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni ta' min ikun irid imexxi b'azzjoni biex jiehu dak li hu dritt tieghu biex jaghmel ir-rapport fi zmien li jippermetti li tittiehed azzjoni fil-hin;

Min-naha l-ohra l-Qorti tordna li f'kazijiet bhal dawn il-Pulizija jipprocedu biex johorgu c-citazzjoni f'hin ragonevoli biex l-imputat ikun notifikat fil-hin;

Din il-Qorti tigbed l-attenzjoni li l-Ufficjali tal-Pulizija m'ghandhomx problema biex ikunu jafu meta huma d-dati li din il-Qorti zzomm is-seduti taghha ghaliex diga' fasslet l-iskeda tas-seduti taghha sa Mejju 2022. Jekk il-Pulizija ta' Ghawdex ghandhom problema bin-notifiki ghandhom jaraw li jwasslu l-ilment taghhom lis-superjuri taghhom biex jaraw li jkun hemm aktar rizorsi halli c-citazzjonijiet u r-riferti jitqassmu fil-hin.

Hadd m'ghandu jippretendi li din il-Qorti ma timxix ma' dak stipulat fil-ligi biex tghatti difetti li jkunu sehhew sakemm l-atti tal-process jigu quddiem il-Qorti biex tiddeciedi;

Ghaldaqstant, il-Qorti, tiddikjara l-azzjoni kriminali migjuba fil-konfront tal-imputat bhala preskritta u konsegwentement estinta.

| | |
|---|---|
| **Dr. Joseph Mifsud** | **Diane Farrugia** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |